MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 766/2003

**Franca Muscat mart Dr Josie Muscat, Rachel Zammit mart Dr Vincent Zammit, Tania Muscat mart Dennis Muscat, Blanche Plumpton mart George Plumpton, Margaret Cordina mart Ignatius Cordina u Gemma Azzopardi mart Nicholas Azzopardi**

***Versus***

**Joseph Mallia Milanes, Victor Mallia Milanes, Alice Zammit mart Alfred Zammit, Alfred Mallia Milanes u b'dikriet tat-13 ta' Ġunju 2003 Joseph Mallia Milanes ġie konfermat kuratur deputat sabiex jirrappreżenta lill-imsefrin Frances Camilleri mart Joseph Camilleri, Raymond Mallia Milanes u Antoinette Buttigieg mart Michael Buttigieg.**

Din il-kawża hija dwar interpretazzjoni ta' testment.

Iċ-ċitazzjoni tgħid illi fl-4 ta' Diċembru 2000 mietet Maria Mallia Milanes, xebba, bint il-mejtin Giuseppe Mallia Milanes u Francesca Mallia Milanes *née* Ellul. B'testment tat-2 ta' Marzu 1997 fl-atti tan-Nutar Bartolomeo Micallef

fost dispożizzjonijiet oħra kienet ħatret "bħala eredi universali tal-ġid kollu tagħha, preżenti u futuri, mobbli u immobbli, lil Josephine, *sive* Jessie, (mart il-mejjet Dottor George Camilleri); Gemma, mart Nicholas Azzopardi, it-tnejn ulied il-mejtin Giuseppe Mallia Milanes u Francesca *née* Ellul; Frances Camilleri (mart Joseph Camilleri, u residenti l-Awstralja); Joseph Mallia Milanes (residenti Fgura); Victor Mallia Milanes, (residenti Paola); Alice Zammit (mart Alfred Zammit, residenti Mosta); Raymond Mallia Milanes, (residenti Napoli, l-Italja); Alfred Mallia Milanes, (residenti San Ġiljan); u Antoinette Buttigieg, (mart Michael Buttigieg, u residenti l-Kanada), f'sehem indaqs bejniethom, u b'sostituzzjoni volgari ta' wliedhom, u f'mankanza ta' wlied bi dritt ta' akkrexximent bejniethom, ulied il-mejtin Carmelo Mallia Milanes u Maria *née* Vella".

Bejn il-partijiet inqala' inkwiet dwar is-sehem li kull wieħed minnhom għandu mill-wirt, għax l-atturi qegħdin igħidu illi, skond l-aħħar testment ta' Maria Mallia Milanes, Josephine *sive* Jessie Camilleri għandha sehem wieħed mhux maqsum minn tlieta, Gemma Azzopardi għandha sehem wieħed ieħor mhux maqsum minn tlieta, u l-konvenuti kollha flimkien għandhom is-sehem l-ieħor mhux maqsum minn tlieta bejniethom, iżda l-konvenuti qegħdin jippretendu illi kull wieħed u waħda mill-atturi u l-konvenuti għandu jew għandha sehem wieħed mhux maqsum minn tmienja[1] kull wieħed jew waħda.

Billi għalhekk huwa meħtieġ illi din il-kwistjoni tinqata' darba għal dejjem, l-atturi fetħu din il-kawża u qegħdin jitolbu illi l-qorti tgħid illi l-wirt ta' Maria Mallia Milanes, minnha mħolli bit-testment tat-2 ta' Marzu 1997 fl-atti tan-Nutar Bartolomeo Micallef, imiss lil Josephine *sive* Jessie Camilleri, li jmissha sehem wieħed mhux maqsum minn tlieta, lil Gemma Azzopardi li jmissha sehem wieħed ieħor mhux maqsum minn tlieta, u lill-konvenuti kollha flimkien li jmisshom is-sehem l-ieħor mhux maqsum minn tlieta bejniethom. Qegħdin jitolbu wkoll l-ispejjeż tal-kawża.

Il-konvenuti ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

1. l-azzjoni ma setgħetx issir għax il-materja hija regolata bil-prinċipju miġjub fl-art. 1002 tal-Kodiċi Ċivili;

---

[1] *Recte*: minn disgha.

2. bla ħsara għall-ewwel eċċezzjoni, ukoll jekk jingħad illi l-kliem tat-testment huwa ambigwu, it-talba ta’ l-atturi xorta ma tistax tintlaqa’ għax il-ħsieb ta’ l-attriċi jidher ċar li kien li tħalli lid-disa’ persuni msemmija fit-testment sehem indaqs kull wieħed u waħda, jew sehem wieħed mhux maqsum minn disgħa kull wieħed u waħda; għalhekk l-atturi kollha ħlief Gemma Azzopardi, bħala werrieta ta’ ommhom Josephine Camilleri, għandhom bejniethom sehem wieħed minn disgħa (u mhux minn tlieta) tal-wirt, l-attriċi Gemma Azzopardi għandha sehem wieħed minn disgħa (u mhux minn tlieta), u kull wieħed u waħda mill-konvenuti għandu jew għandha sehem wieħed minn disgħa.

Din il-kawża hija dwar l-interpretazzjoni ta’ din id-dispożizzjoni fit-testment ta’ Maria Mallia Milanes:

It-testatriċi tinnomina u tikkostitwixxi bħala eredi universali tal-ġid kollu tagħha, preżenti u futuri, mobbli u immobbli, lil Josephine, *sive* Jessie, (mart il-mejjet Dottor George Camilleri); Gemma, mart Nicholas Azzopardi, it-tnejn ulied il-mejtin Giuseppe Mallia Milanes u Francesca *née* Ellul; Frances Camilleri, (mart Joseph Camilleri, u residenti l-Awstralja); Joseph Mallia Milanes, (residenti Fgura); Victor Mallia Milanes, (residenti Paola); Alice Zammit, (mart Alfred Zammit, residenti Mosta); Raymond Mallia Milanes, (residenti Napoli, l-Italja); Alfred Mallia Milanes, (residenti San Ġiljan); u Antoinette Buttigieg, (mart Michael Buttigieg, u residenti l-Kanada), f’sehem indaqs bejniethom, u b’sostituzzjoni volgari ta’ wliedhom, u f’mankanza ta’ wlied, bi dritt ta’ l-akkrexximent bejniethom, ulied il-mejtin Carmelo Mallia Milanes u Maria *née* Vella.

Ma hux kontestat illi biex tifhem x’kienet ir-rieda tat-testatur trid tħares lejn dak illi jgħid it-testment u, fejn il-kliem tat-testment huwa ċar, ma għandekx tfittex li tagħtih tifsira oħra billi toqgħod fuq dak li joħroġ minn xhieda barranija. Għalkemm l-art. 1002 tal-Kodiċi Ċivili, imsemmi fl-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti, jirregola l-interpretazzjoni tal-kuntratti, ma hux kontestat illi dak il-prinċipju jgħodd ukoll għall-interpretazzjoni tat-testmenti:

Il-volontà tat-testatur hija dik li tirriżulta mill-att innifsu u b’rispett lejn dan il-prinċipju kemm l-awturi kif ukoll il-ġurisprudenza dejjem irritenew li mhux leġittimu li tingħata

interpretazzjoni ta' dak li xtaq it-testatur billi tali interpretazzjoni tista' tgħawweġ dak li fil-verità ried it-testatur u b'hekk tmur kontra dik il-volontà proprja hekk kif tirriżulta mill-qari tad-disposizzjoni testamentarja. Jekk id-disposizzjoni testamentarja hija ċara, għandha tinghata effett.[2]

Il-kwistjoni iżda hi: il-kliem tat-testment xi jfisser, dak li jridu l-atturi jew dak li jridu l-konvenuti?

Meta sar it-testment, it-testatriċi kellha żewġ aħwa ħajjin: l-attriċi Gemma Azzopardi u Josephine Camilleri. Josephine Camilleri llum hija mejta, u f'din il-kawża hija rappreżentata minn uliedha, li huma l-atturi kollha ħlief Gemma Azzopardi. It-testatriċi kellha ħuha ieħor li kien ġà mejjet meta sar it-testment, u dan kellu seba' wlied, li huma l-konvenuti. L-atturi qegħdin igħidu illi r-rieda tat-testatriċi kif imfissra fit-testment kienet illi l-kollaterali tagħha jirtuha *per stirpes*, biex hekk ħutha jieħdu sehem wieħed minn tlieta kull waħda u wlied ħuha l-mejjet flimkien jieħdu s-sehem l-ieħor bejniethom.

Il-konvenuti min-naħa l-oħra qegħdin igħidu illi l-kliem tat-testment irid illi l-wirt igħaddi *per capita* biex hekk kull wieħed u waħda mill-benefiċjarji jieħu jew tieħu sehem indaqs —"f'sehem indaqs bejniethom" — u l-wirt jinqasam f'disa' ishma ndaqs, daqskemm hemm benefiċjarji.

Ma' l-ewwel daqqa t'għajn jidher illi l-kliem "f'sehem indaqs bejniethom" igħodd għall-benefiċjarji kollha, u għalhekk it-testment jiftehem kif qegħdin igħidu l-konvenuti.

L-argument ta' l-atturi, iżda, hu illi l-kliem "f'sehem indaqs bejniethom", kif imqiegħed bejn l-ismijiet ta' wlied ħu t-testatriċi l-mejjet, *i.e.* il-konvenuti, u l-ismijiet tal-ġenituri tagħhom, igħodd biss għal dawk l-ulied, u mhux ukoll għaż-żewġ benefiċjarji l-oħra, ħut it-testatriċi.

Il-qorti taqbel ma' l-atturi illi fejn hu mqiegħed il-kliem "f'sehem indaqs bejniethom", fost kliem ieħor li jirreferi biss għall-konvenuti, ifisser bilfors illi dak il-kliem igħodd biss għall-konvenuti. Għandu jkollu wkoll tifsira dan il-fatt illi dak il-kliem ma jgħoddx għall-benefiċjarji l-oħra, u dik it-

[2] **Maryrose Mifsud *versus* Av. Dr Joseph Bartolo**, Qorti ta' l-Appell, 16 t'April 2004.

tifsira ma tistax ma tkunx illi l-benefiċjarji l-oħra ma jeħdux daqs il-konvenuti. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, jidher li huwa relevanti l-użu tas-singular — "sehem" — biex juri illi dawk il-benefiċjarji li għalihom igħodd il-kliem "f'sehem indaqs bejniethom" jaqsmu sehem wieħed bejniethom u mhux jieħdu "ishma" bħall-benefiċjarji l-oħra, li bejniethom jieħdu "ishma" mhux "sehem" għax jieħdu sehem kull wieħed.

Il-konklużjoni ta' dan kollu ma tistax ma tkunx illi l-wirt għandu jinqasam *per stirpes*, biex kull waħda minn ħut it-testatriċi tieħu sehem, u l-konvenuti jieħdu sehem wieħed "indaqs bejniethom" u mhux indaqs bejn il-benefiċjarji kollha.

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti taqta' l-kawża billi tilqa' t-talbiet ta' l-atturi:  tgħid illi l-wirt ta' Maria Mallia Milanes, *de cuius*, għandu jinqasam *per stirpes* fi tliet ishma ndaqs: sehem wieħed minn tlieta jmiss lill-attriċi Gemma Azzopardi, sehem wieħed ieħor minn tlieta jmiss lill-atturi l-oħra, ulied Josephine Camilleri, u s-sehem l-ieħor minn tlieta jmiss lill-konvenuti flimkien, li jaqsmu dan is-sehem indaqs bejniethom.

L-ispejjeż tal-kawża għandhom iħallsuhom il-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------